MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 495/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Vincent John Paulie**
**ID57193-(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici iddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tmin mija, disgha u disghin euro u tliet centezmi (€1,899.03c), ammont dovut lill-istess socjeta' mittenti in kwantu ghal €1,427.52 (elf, erba' mija, sebgha u ghoxrin Euro u tnejn u hamsin centezmu) in konnessjoni ma' kuntratt Laptop Connect datat 24 ta' Mejju 2010 (AC51060918) u servizzi ta' telefonija cellulari 99255218 skond kuntratt datat 16 ta' Jannar 2010 (AC51015537).

Illi fejn applikabbli s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratti.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, drittijiet legali, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Ra d-dokumenti li gew ipprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok. A sa Dok. D.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tmin mija, disgha u disghin euro u tliet centezmi (€1,899.03c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------